# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

7 ta' Lulju, 2009

TQASSIM: MEDIA KOLLHA

MINN : C. TABONE O.P.

REF : 77/2009

**L-Arcisqof fl-Art Mqaddsa f'Pellegrinagg maz-Zghazagh Matlin**

Fl-ewwel jum tal-pellegrinagg tieghu fl-Art Imqaddsa, l-Arcisqof Pawl Cremona OP heggeg liz-zghazagh biex bhal Marija huma jippermettu lil Kristu jidhol fl-umanità, b'mod specjali f'Malta.

Il-Hadd li ghaddha, l-Arcisqof ta' bidu ghall-pellegrinagg maz-zghazagh lejn l-Art Imqaddsa. Ukoll fuq dan il-pellegrinagg hemm l-Arcisqof Emeritus Guzeppi Mercieca.

Illum, kienet l-ewwel gurnata propija ghall-pellegrini fl-Art Imqaddsa, gurnata li matulha huma zaru l-Bazilika tal-Annunzjata f'Nazaret u l-gholja tat-Tabor. L-Arcisqof ippresieda quddiesa fil-Bazilika Superjuri fuq is-sit fejn l-arkeologija uriet li x'aktarx kienet tinsab id-dar fejn l-Arkanglu Gabriel deher lil Marija.

L-Arcisqof bena l-messagg tieghu fuq ir-rwol li kull individwu ghandu biex il-messagg tal-imhabba ta' Alla jkun jista ' jitwassal. Huwa sahaq li "Alla ma jimponix, izda ried lil xi hadd biex jghidlu 'iva'. Huwa sar bniedem bil-permess ta' Marija. L-iva taghha hija l-iva f'isem l-umanità kollha, sew dik ta' qabel kif ukoll dik ta' wara id-dehra tal-Arkanglu Gabriel". Hekk ukoll, fir-realta Maltija ta' llum, "Biex Kristu jidhol f'Malta irid li xi hadd jaghtih il-permess... Kieku f'Malta hadd ma jemmen, u ghalhekk hadd ma jghidlu iva, kif jista' jidhol? Jien irrid naghtih il-permess biex jidhol fl-umanità, b'mod specjali f'Malta" huwa qal waqt li sahaq li hekk biss iz-zghazagh prezenti jistghu jidhlu fl-annunzjazzjoni li kienu qed ifakkru fil-Bazilika ta' nazaret u jaghmluha taghhom.

Jirraporta Stefan Cachia mill-Art Mqaddsa